Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,812, 30 ta' Settembru, 2011
Taqsima B

A.L. 388 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004 għall-Grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies (Honours) – B.LIAS (Hons) – and Bachelor of Library, Information and Archive Studies – B.LIAS - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-gradi ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies (Honours) – B.LIAS (Hons) – u Bachelor of Library, Information and Archive Studies – B.LIAS – taħt l-patroċinju tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod'ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Midja u x-Xjenzi tal-Għarfien;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies (Honours) – B.LIAS (Hons) – jew il-grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies – B.LIAS;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-gradi ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies (Honours) – B.LIAS (Hons) – u Bachelor of Library, Information and Archive Studies – B.LIAS; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2011 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies (Honours) jingħata skont dawn l-ordinamenti fil-Library, Information and Archive Studies bħala l-qasam ta' studju prinċipali bl-unuri flimkien ma' qasam ta' studju Sussidjarju.

(2) Il-grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies jingħata skont dawn l-ordinamenti f'żewġ oqsma ta' studju prinċipali ordinarji, li wieħed minnhom għandu jkun il-Library, Information and Archive Studies.

(3) Il-Bord iħabbar l-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu mal-Library, Information and Archive Studies fil-Grad qabel il-bidu tal-Kors.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom, minbarra li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul, ikunu għaddew mill-Livell Intermedju tal-Matrikola fl-Ingliż, jew l-ekwivalenti tiegħu.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time.*

Il-Programm tal-Kors

6. L-applikanti huma meħtieġa jindikaw l-għażla tal-oqsma ta' studju fiż-żmien meta japplikaw għad-dħul.

7. Il-Kors jikkonsisti minn żewġ partijiet.

8. (1) L-Ewwel Parti għandha tikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu.

(2) Fl-aħħar tal-Ewwel Parti tal-Kors, l-istudenti li jiksbu marka medja ta':

(a) 65% jew aħjar fil-qasam ta' studju tal-Library, Information and Archive Studies, u
(b) 60% jew aħjar fit-taqsimiet studju kollha tal-Ewwel Parti

għandhom ikunu eliġibbli biex ikomplu għal-grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies (Honours).

9. It-Tieni Parti għandha tikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 120 krettu.

10. (1) Il-Bord jippubblika l-programmi tal-kors fil-Library, Information and Archive Studies imfassla skont il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali u kif approvati mis-Senat, qabel il-bidu ta' kull Kors. Suġġett għat-tibdiliet li l-Bord jista' jkun kostrett li jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti għandhom isegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programmi tal-kors u fil-programmi ta' studju tal-oqsma l-oħra li qegħdin isegwu għall-Grad.

(2) Il-programmi ta' studju għall-oqsma ta' studju li jistgħu jittieħdu mal-Library, Information and Archive Studies fil-Kors għandhom ikunu dawk ippubblikati mill-Bord tal-entità akkademika responsabbli għall-qasam ta' studju.

11. (1) L-istudenti fil-kors tal-Bachelor of Library, Information and Archive Studies (Honours) ikunu meħtieġa jirreġistraw u jiksbu l-kretti għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 krettu, li minnhom mhux anqas minn 132 krettu għandhom ikunu fil-Library, Information and Archive Studies u mhux anqas minn 36 krettu għandhom ikunu fil-qasam ta' studju sussidjarju.

(2) L-istudenti fil-kors tal-Bachelor of Library, Information and Archive Studies ikunu meħtieġa jirreġistraw u jiksbu l-kretti għal taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 180 krettu, li minnhom mhux anqas minn 80 krettu għandhom jinkisbu f'kull wieħed miż-żewġ oqsma ta' studju.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

12. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Bachelor of Library, Information and Archive Studies (Honours) għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull waħda mill-aħħar sentejn tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

Marka Medja tat-Tieni Sena	40%
Marka Medja tat-Tielet Sena	60%.

(2) Il-punteġġ medju tat-tielet sena għandu jkollu piż ta' 30% attribwiti lit-taqsimiet studju mgħallma u 70% attribwiti lid-dissertazzjoni u lit-taqsimiet studju sinottiċi.

VERŻJONI ELETTRONIKA

13. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Bachelor of Library, Information and Archive Studies għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

Marka Medja tal-Ewwel Sena	25%
Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Marka Medja tat-Tielet Sena (eskluż it-taqsimiet studju sinottiċi)	25%
Taqsimiet Studju Sinottiċi	25%.

It-Tħassir

14. L-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-ikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Archive and Records Management, the Diploma in Library and Information Studies u għall-grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies – B.LIAS - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 357 tal-2005, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2011, iżda l-istudenti rreġistrati għal dawn il-korsijiet qabel l-1 ta' Ottubru 2011 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta daħlu fil-kors.